**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17,18, 31, 183, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1), 293, 294, 308, 309 u 533 tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Kump. Nru.: 503/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri )**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**RAYMOND SARCIA**
**(ID: 620061M)**

**Illum, 3 ta' Novembru 2015**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **RAYMOND SARCIA** ta' wiehed u hamsin (51) sena, bin Victor u Mary nee Falzon,imwieled Qormi fid-19 ta' Settembru 1961, residenti gewwa Orchidea Triq H'Attard, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 620061M tressaq quddiemha akkuzat talli:
F' Marzu, 2013, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Appropja, billi dawwar fi profit ghalih jew ghal persuni ohra, is-somma ta' aktar minn Ewro 2329.37 ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd., liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha speicifikat liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, l-industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija Gasco Energy Ltd.

2. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi were haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwarxi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Ewro 2329.27 ghad-dannu ta'Gasco Energy Ltd.

3. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn oblligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjojnijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

4. Ikkommetta serq ta' cilindri ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd. Liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi Ewro 2390.24 u kkwalifikat bil-valur u l-persuna.

Rat l-atti tal-process b'mod partikolari l-fedina penal ital-imputat u l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-17 ta' Ottubru 2014 (fol. 131).

Rat illi l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti kif verbalizzat minnu nhar is-17 ta' Novembru 2014 (fol. 132).

Rat illi fis-seduta tal-llum l-imputat Raymond Sarcia ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Il-Qorti semghet lil Dr Chris Cilia jivverbalizza illi effettivament fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat hallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) lis-socjeta' Gasco Energy Limited u dan ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha u jiddikjara li effettivament l-imputat ma rregistrax ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri peress li din is-socjeta' kienet qed tippretendi somma ferm ghola minn dak li effettivament accettat 'in full and final settlement' tal-pretensjonijiet civili taghha.

Semghet lil Dr Joseph Giglio jaghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Kenneth Mifsud' fejn f'dik il-kawza l-Ufficjal Prosekutur kien l-istess u l-fatti tal-kawza huma identici fejn f'dik il-kawza l-imputat Kenneth Mifsud inghata conditional discharge ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ghal perjodu ta' tliet snin.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur Spettur Carol Fabri tiddikjara li hi m'ghandhiex oggezzjoni li din il-Qorti tapplika l-istess provediment invista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Rat l-artikoli, senjatament l-Artikoli 17,18, 31, 183, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1), 293, 294, 308, 309 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**In vista tal-ammissjoni, u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tillibera lill-imputat RAYMOND SARCIA bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li ma jirrizultax li f'dawn il-proceduri gie nominat xi espert.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**